**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2002**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1017/02JR**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Michael Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220.00), u fejn intqal:**

**Illi fis-27 ta' Settembru, 2001 inhargu diversi kambjalijiet minn Michael Grech favur Antoine Vassallo ta' Antoine Auto Dealer ghall-ammont ta' hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' sittin xahar. Il-konvenut naqas li jhallas erba' kambjalijiet ta'**

**hamsa u hamsin lira Maltija kull wiehed li mmaturaw fis-27 ta' Dicembru, 2001, u fis-27 ta' Jannar, Frar u Marzu, 2002;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija oltre l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana credit controller ma' l-attur li kkonferma li kien sar pagament ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) pero` kien ghad fadal bilanc ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00) cioe` li jirrigwarda l-kambjali li skadew fis-27 ta' Frar u Marzu 2002.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fl-ammont ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' l-ahhar zewg kambjal sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**